

31993D0455

L 213/20

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

24.8.1993

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI**tat-23 ta' Lulju 1993****li tapprova ċerti pjaniġiet ta' kontinġenza għall-kontroll tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer**

(93/455/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat t-Trattat li jistabbilixxi l- Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/423/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990, li temenda d-Direttiva 85/511/KEE li tintroduċi miżuri Komunitarji għall-kontroll tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer, id-Direttiva 64/432/KEE dwar il-problemi tas-saħħa ta' l-annimali li jaffettaww il-kummerċ ta' l-annimali tal-ifrat u tal-majjali ġewwa l-Komunità w id-Direttiva 72/462/KEE dwar il-problemi tal-ispezzjonijiet sanitari u veterinarji mal-importazzjoni ta' l-annimali tal-ifrat u tal-majjali u tal-prodotti tal-laħam frisk minn pajjiżi terzi (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tagħha,

Billi l-Kummissjoni diġa stabbiliet il-kriterji li għandhom jiġu applikati meta jkunu jitfasslu l-pjaniġiet ta' kontinġenza għall-kontroll tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer permezz tad-Deċiżjoni 91/42/KEE (²);

Billi ċerti Stati Membri ppreżentaw għall-approvazzjoni pjaniġiet nazzjonali ta' kontinġenza; billi, wara l-eżaminazzjoni, dawn il-pjaniġiet jippermettu li jintlaħaq l-għan mixtieq u li jitwettqu l-kriterji kollha stabbiliti fid-Deċiżjoni 91/42/KEE;

Billi l-miżuri li hemm provediment dwarhom f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti Veterinarju,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pjaniġiet ta' kontinġenza għall-kontroll tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer preżentati mill-Istati Membri elenkti f'L-Anness 1 huma approvati.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, it-23 ta' Lulju 1993.

*Għall-Kummissjoni**René STEICHEN**Membru tal-Kummissjoni***L-ANNESS**

Il-pjaniġiet ta' kontinġenza għall-kontroll tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer tal-Istati Membri li ġejjin huma approvati.

- Il-Belġju
- Id-Danimarka
- Il-Ġermanja
- Il-Greċċa
- Spanja
- Franza
- L-Irlanda
- L-Italja
- Il-Lussemburgu
- Il-Portugall
- Ir-Renju Unit

(¹) ĠU L 224, ta' l-1.8.1990, p. 13.

(²) ĠU L 23, tad-29.1.1991, p. 29.